# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIENI KTIEB TA' L-1926


## IL-VOKALI TAL-LSIEN MALTI

*(Jaqbad mal-faċċ: 26 fil-Għadd ta' qabel)*

Biex wieħed jara aħjar fuq liema sisien hi mibnija dit-taqsima, inżid erba' kelmiet oħra fuq nisel il-vokali Maltin mill-vokali Għarbin. Nagħżel il-Għarbi mhux biss għax il-Malti jiġi minnu, imma wkoll għax, fost l-ilsna kollha xemjin, hu l-anqas li ttiefes fil-għamla.

Il-vokali ta' l-ilsna xemjin fil-bidu kienu tlieta biss *a*, *i*, *u*. Fil-Għarbi (tal-kotba) għadhom sal-lum kif kienu, iżda fl-ilsna l-oħra nisslu ħafna vokali oħra.

Il-vokali *a* qasira jew iżżomm leħinha, hekk: Għ: *săjjad* = M: *sajjied* = Lh: *sajjad*; Għ: *qăddis* = M: *qaddis* = Kaldajk: *qaddix*; Għ: *qălb* = M: *qalb*; Għ: *lăħm* = M: *laħam* = Lh: *leħem* u bis-suffissi *laħmi*, *laħmek* u ħafna oħra; jew issir *e* (miftuħa) hekk: Għ: *kălb* = M: *kelb* = Lh: *keleb*; Għ: *xăms* = M: *xemx* = Lh: *xemex*; Għ: *ălf*: M: *elf* = Lh: *elef*; Għ: *kălima* = M: *kelma*; Għ: *kăllăm* = M: *kellem* u oħrajn; jew tinbidel ma' *o* (miftuħa), hekk Għ: *băqăr* = M: *baqar* jew *ba°qa°r* = Lh: *ba°qa°r*; Għ: *bard* = M: *bard* jew *ba°rd* jew *bord* = Lh: *ba°ra°d* u oħra jew tinbidel f'*i*, hekk Għ: *năsrani* = M: *nisrani;* Għ: *ăjjâm* = M: *ijjiem;* Għ: *kăssar* = M: *kisser*; Għ: *jădrib* = M: *jidrob*. Hekk ukoll fil-Lhudi *jaqtul* = *jiqtol*, *qattal* = *qittel*, *sadq* = *sadqi* = *sidqi*.

Hekk ukoll il-vokali *a* twila jew iżżomm leħinha, jew tmil lejn l-*o*, jew issir *ê* = *ie*, hekk Għ: *qâm* = M:

*qâm* jew *qâ*$^{o}$*m* jew *qô*$^{a}$*m* jew *qôm* = Lh: *qâ*$^{o}$*m;* Għ: *ħimâr* = M: *ħmâr* jew *ħmôr* = Lh: *ħmôr*; Għ: *dâhil* = M: *dêħel* = *dieħel;* Għ: *kitâb* = M: *ktieb;* Għ: *banât* = M: *bniet* = Lh: *bnôt*, Għ: *kâfir* = M: *kiefer* u ħafna oħra.

Il-vokali *i* jew tibqa' li hi, jew issir *e* (magħluqa) hekk Għ: *ġild* = M: *ġild*; Għ: *tifl* = M: *tifel*; Għ: *riġl* = M: *riġel*; Għ: *bint* = M: *bint* = Lh: *bat* (bant) iżda bis-suffissi *bitti* (binti); Għ: *râkĭb* = M: *riekeb* = Lh: *rôkeb*; Għ: *sâħĭb* = M: *sieħeb*, Għ: *rahib* = M: *raheb* u oħrajn.

Il-vokali *u* jew tibqa' kif inhi, jew tinbidel f'*o* (magħluqa), hekk Għ: *maqtul* = M: *maqtul* = Lh: *qatul;* Għ: *ħanut* = M: *ħanut*; Għ: *qumu* = M: *qumu* = Lh: *qumu*; Għ: *quds* = M: *qodos* = Lh: *qodex;* Għ: *jaqtul* = M: *joqtol* = Lh: *jiqtol*; Għ: *muħħ* = M: *moħħ* u oħrajn.

Kull ma għidna issa fuq nisel il-vokali jwettaq dak li għidna fuq it-taqsim tagħhom u juri li dik it-taqsima mhix fiergħa. Leħen jingħażel minn ieħor, skond ma jingħażel nislu. Jekk in-nisel mhux wieħed, anqas ma jista' jkun wieħed il-leħen jew vokali li ġejja minnu. Għalhekk ħadd ma jista' jmieri l-għażla ta' żewġ *e* u ta' żewġ *o* li tinsab mhux biss fil-malti, imma saħansitra fil-franċiż u fit-taljan ukoll.

Nieqfu hawn. Jekk issa aħna għandna nibqgħu niktbu l-vokali bħal l-ilsna latini minngħajr ebda għażla bejn leħen magħluq u leħen miftuħ, jew inkella għandna ndaħħlu għliem ġodda biex nuru, kif imiss, il-għażla tal-vokali, mhix ħaġa li naqtagħha jien. Minn għalija nixtieq b'qalbi kollha u nagħmel ħilti kollha biex nara mitmuma kitbet ilsienna; madankollu qalbi teħbirli twegħir u għaqqux kbir. Jekk il-kitba sabiħa u ħafifa tal-*Għaqda* għadha mhix milqugħa għalenija, kif tista' tkun milqugħa l-għażla, li mhi xejn ħafifa, tal-vokali? Għallinqas wieħed ikun jaf li l-lsien Malti għandu vokali aktar milli għandu għliem. **Sajdun.**